TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 176/13/GB

**Margaret u Julian Vella**

**vs**

**Smart Homes Ltd.**

Illum 29 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf u mitt Ewro (€1,100.00), rappreżentanti danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) u l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) rapprezentanti kont pendenti mas-socjeta' ntimata sabiex jitlesta parti mix-xoghol fuq kamra tas-sodda li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema parti mix-xoghol ir-rikorrenti ma kienux sodisfatti bih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, kif ukoll ippreżentat kontro-talba bil-miktub fl-ammont ta' elf mitejn disgha u sittin Ewro (€1269.00), u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu ordnaw kamra tas-sodda minghand is-socjeta' ntimata f'Novembru 2011, pero' sa llum din ghadha m'hijiex kompluta u dana b'detriment tal-familja, fejn il-bieb tal-'walk-in wardrobe' ma sarx. Illi issa r-rikorrenti gew informati illi tali bieb ma jistax isir kif kienu ftehemu mas-salesperson tas-socjeta' ntimata. Skond ir-rikorrenti, issa wkoll hemm riskju li l-kumplament tax-xoghol mhux ser ikun jaqbel. Barra minn hekk, biex jitkompla x-xoghol ghall-gosti tar-rikorrenti, huma gew informati illi riedu jhallsu somma sostanzjali addizzjonali, illi r-

rikorrenti m'humiex lesti li jhallsu. Ir-rikorrenti qed jitolbu danni finanzjarji u morali kif tippermetti l-ligi.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu ordnaw kamra tas-sodda minghand is-socjeta' ntimata, liema ghamara tal-kamra tas-sodda ġiet supplit lilhom. Il-kwistjoni li nqalghet tikkonċerna l-bieb tal-'walk-in wardrobe', li kien miftiehem li jkun 'sliding door'. Wara li x-xogholijiet kienu waslu fi stadju avvanzat, ir-rikorrenti waqfu x-xoghol peress li ntebhu li l-mekkanzimu tal-bieba kien se jiġi jidher. Kif gie spjegat lilhom, 'sliding door' neċessarjament ikollu l-mekkanizmu jidher, iżda huma baqghu jinsistu li jsir mod iehor. Ghaldaqstant ġiet offruta l-possibilta' li ssir bieba differenti milli miftiehem cioe' 'scissors door', li kienet aċċettabbli ghar-rikorrenti. Iżda peress li l-mekkanizmu ta' 'scissors door' huwa differenti minn dak ta' 'sliding door', kien hemm bil-fors prezz differenti minn dak miftiehem ghal 'sliding door'.

Illi s-socjeta' ntimata informat lir-rikorrenti li l-prezz huwa differenti ghal 'scissors door' iżda r-rikorrenti ma riedux jonfqu ghall-ispiza ta' 'scissors door' li jammonta ghal sitt mija hamsa u' ghoxrin Ewro (€625.00), u dan minghajr labour. Is-socjeta' ntimata tant riedet taqdi lir-rikorrenti li kienet ben disposta ma żżommx tal-labour.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti inkluż l-ispejjez tal-kontro-talba. Bl-imghaxijiet mill-intavolar tal-kawza sal-pagament effettiv.

**Is-socjeta' ntimata fil-kontro-talba taghha ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti ordnaw kamra tas-sodda minghand is-socjeta' ntimata. Wara li x-xogholijiet kienu waslu fi stadju avvanzat, ir-rikorrenti waqfu x-xoghol in kwantu rrifjutaw li l-bieba tal-'walk-in wardrobe' tkun 'sliding door' kif miftiehem. Issa ma jridux ihallsu l-bilanc rimanenti ta' elf mitejn disgha u sittin Ewro (€1,269.00) dovut lis-socjeta' ntimata ghall-ghamara tal-kamra tas-sodda li gie supplit lilhom xhur ilu. Din is-somma ta' elf mitejn disgha u sittin Ewro (€1,269.00) tinkludi sitt mija hamsa u hamsin Ewro (€655.00) riferibbli ghal 'sliding door' li, ghalkemm ma ġietx installata, kienet rifjutata mir-rikorrenti nonostante li kienet saret tajjeb skond is-sengha u kif miftiehem.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn iccaraw ukoll illi huma qed jitolbu l-ammont ta'elf u mitt Ewro (€1,100.00) li hames mitt Ewro (€500.00) minnhom huma danni morali u l-kumplament huwa d-differenza tal-bieb li s-socjeta' ntimata qaltilhom li kellhom ihallsu sabiex jiehdu l-prodott kif miftiehem.

Ir-rikorrenti ezebew il-kwotazzjoni mahruga mis-socjeta' ntimata a bażi ta' liema huma ghamlu l-ordni, li giet immarkata bhala Dok.MV1; flimkien ma' kopja tad-delivery note fejn jidher illi l-bilanc dovut lis-socjeta' *ntimata huwa ta' erbgha mija erbgha u sittin* Ewro (€464.00), *li ġiet* immarkata bhala Dok.MV2.

In kontro-ezami, l-istess rikorrenti kkonfermaw illi huma kienu ordnaw 'sliding door' bil-mirja, maqsum f'erba' sections, pero' stqarru illi hadd qatt ma kien semma' pelmet.

Xehed Salvatore Farrugia, prodott mir-rikorrenti, fejn bil-gurament huwa stqarr illi ma kienx preżenti meta r-rikorrenti ghamlu l-ordni, pero' kien preżenti meta Italo Fino kien mar fuq il-post sabiex jiehu l-ispecifications tal-gypsum. Ix-xhud stqarr ukoll illi huwa dejjem xtara minghand is-socjeta' ntimata u qatt ma kellu problemi. Fil-fatt kien hu stess illi kien irrakkomanda din is-socjeta' lit-tifla tieghu, u cioe' lir-rikorrenti.

Xehdet Josephine Farrugia, prodotta mir-rikorrenti, fejn bil-gurament hija stqarret illi kienet preżenti meta r-rikorrenti kienu ghamlu l-ordni, fejn Italo Fino kien issuġġerixxa 'sliding doors' ghaliex 'folding doors' kienu se jidhru koroh.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn iċċarat illi fuq l-ordni mkien ma hu imsemmi 'folding sliding door', kif ukoll illi r-rikorrenti intalbu jhallsu ammont iktar stante illi biex il-mekkanizmu ma jidhirx dan hu aktar gholi fil-prezz u m'huwiex dak li kienu ordnaw. Is-socjeta' ntimata stqarret ukoll illi l-problema kienet li r-rikorrenti issa riedu 'sliding door' minghajr il-mekkanizmu jidher. Is-socjeta' ntimata talbet sitt mija hamsa u ghoxrin Ewro (€625.00) ghal 'sciccors sliding door'. 'Folding-sliding' ma jeżistix.

Is-socjeta' ntimata ezebiet email, li ġiet immarkata bhala DokSM1; flimkien ma' sett ta' tliet dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.SM2.

It-Tribunal jinnota illi kien inghata differiment lill-partijiet ghall-possibilta' ta' tranżazzjoni. Jinnota wkoll illi fil-mori ta' l-imsemmi differiment, is-socjeta' ntimata kienet marret fuq il-post, fejn il-kumplament tax-xoghol kien sar u r-rikorrenti kienu aċċettaw illi panel ta' wara t-television tickien minn biċċa shiha ghal biċċa li tghatti biss il-plakek. Fuq il-bieb tal-'walk-in wardorbe' pero' ma ntlahaqx ftehim, ghaliex l-option li s-socjeta' ntimata offriet lir-rikorrenti ma ġietx aċċettata mill-istess, stante illi ma ghogbitx lir-rikorrenti. Il-partijiet ma qablux ukoll fuq il-kwistjoni ta' flus, ghaliex minkejja illi l-panel kienet ser tickien, il-prezz baqa' fuq kollox u mhux proporzjonali. Is-socjeta' ntimata iċċarat illi l-bilanc kien 'on account' u mhux fuq il-panel.

It-Tribunal jinnota illi minkejja n-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, is-socjeta' ntimata, bhala sinjal ta' rieda tajba, naqqset l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) mill-kont pendenti u dovut mir-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota wkoll illi fil-mori ta' l-imsemmi differiment, ir-rikorrenti ffirmaw dokument (Dok.MV2) minn fejn jirrizulta illi l-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650.00) rapprezentanti l-prezz tal-bieba tnaqqas, stante illi tali bieba fil-fatt qatt ma ġiet ikkonsenjata, u li kien ghad fadal il-hlas da parte tar-rikorrenti lis-socjeta' ntimata fl-ammont ta' erbgha mija

erbgha u sittin Ewro (€464.00). Gie kkonfermat ukoll mis-socjeta' ntimata illi l-bieba kif jixtiequha r-rikorrenti ma tistax issir.

Ir-rikorrenti ma kkontestawx l-ammont dovut ta' erbgha mija sitta u erbghin Ewro (€464.00), pero' qed jinsistu fuq it-talba oriġinali taghhom tad-danni morali, stante illi wara sentejn huma ghadhom minghajr bieba.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni tal-offerta generuza da parte tas-socjeta' ntimata li ġiet irrifjutata mir-rikorrenti, liema offerta m'hijiex wahda li t-Tribunal jista' jimponi fuq ir-rikorrenti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti. Illi a bażi ta' l-informazzjoni li nghata lit-Tribunal mill-partijiet fl-ahhar udjenza tat-18 ta' Dicembru 2013, it-Tribunal qed jilqa' in parte l-kontro-talba tas-socjeta' ntimata, u jordna lir-rikorrenti jhallsu l-ammont ta' erbgha mija sitta u erbghin Ewro (€464.00) lis-socjeta' ntimata, b'dan illi l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jinqasmu u jithallsu mill-partijiet nofs bin-nofs. Illi a bażi ta' l-istess informazzjoni li nghatat mill-partijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti in kwantu t-talba ghad-danni attwali, stante illi ntlahaq ftehim illi l-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650.00) rapprezentanti l-ispejjez tal-bieba in kwistjoni ma jithallsux mir-rikorrenti; u qed jichad it-talba tar-rikorrenti in kwantu t-talba ghad-danni morali, stante illi jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti ghamlu l-ordni tal-bieba in kwistjoni bbazat fuq dak illi kienu assumew u/jew immaginaw u mhux fuq kif fil-fatt il-bieba setghat u attwalment kienet ser issir, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**